VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,730, 21 ta' Frar, 2017
Taqsima B

A.L. 62 tal-2017

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili, f'konsultazzjoni mal-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta, u dawn ir-tegolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agri-alimentari Tradizzjonali ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 427.89.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "għandu jkun hemm irreġistrata lista ta' prodotti approvati" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jkun hemm irreġistrata l-prodotti approvati kollha";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "fil-lista ta' prodotti approvati hawn fuq imsemmija" għandhom jidħlu l-kliem "fir-Reġistru ta' prodotti approvati hawn fuq imsemmi";

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "fil-lista ta' prodotti approvati hawn fuq imsemmija" għandhom jidħlu l-kliem "fir-Reġistru"; u

(d) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) B'seħħ mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti

VERŻJONI ELETTRONIKA

agrikoli u oġġetti tal-ikel, l-inklużjoni ta' isem ta' prodott fir-Reġistru tipprekludi kwalunkwe persuna milli tippreżenta applikazzjoni għall-protezzjoni ta' dak l-isem taħt il-liġijiet tal-UE u dawk nazzjonali li jikkonċernaw il-proprjetà intelletwali u industrijali.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Notifika uffiċjali lill-Kummissjoni UE.

14. Dawn ir-regolamenti ġew notifikati skont id-Direttiva 2015/1535 KE li tikkonsolida d-Direttiva 98/34 KE kif trasposta bir-Regolament tal-2003 dwar il-Proċedura ta' Notifika.".